# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 81/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Roderick Sammut**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

***Fatti tal-Każ***

*Nhar is-16 t'Awwissu, tas-sena 2017 fuq il-blog tal-ġurnalista, illum defunta, Daphne Caruana Galizia, bl-isem Running Commentary, kien itella' blog post bl-isem "Nationalist Party Leader Contender Adrian Delia Replies to Questions about Anonymous Report to the Police". Flimkien ma' dan l-artiklu kien itella ritratt ta' rapport illi allegatament kien meħud mis-sistema tal-pulizija. Illi wara investigazzjoni tal-Pulizija rriżulta illi dan kien jirrigwarda rapport bin-numru 2C2280/2016 u li fost l-Uffiċjali illi kienu aċċessaw l-imsemmi rapport kien hemm PS134 Roderick Sammut li dak iż-żmien kien stazzjonat fl-Għassa ta' Ħal Qormi u li sussegwentement ġie imressaq il-Qorti akkużat dwar reati ta' computer misuse.*

***Illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' April tas-sena 2019 il-Qorti kkudannat lill-esponenti għal piena ta' multa u wara li l-esponent interpona appell mis-sentenza imsemmija liema appell ġie deciz nhar it-30 ta' Settembru tas-sena 2020 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-aggravji kollha mressqa mill-esponenti u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.***

***<u>Lanjanzi Kostituzzjonali</u>***

**1. *<u>Ir-Rwol tal-Court Attorneys</u>***

*Illi fi stadju ta' appell l-esponenti ġie ġġudikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Inferjuri] għal liema Qrati tapplika s-sistema tal-Court Attorneys liema sistema ġiet introdotta fl-2015. Illi din is-sistema ta' Court Attorneys tikser id-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanċiti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi din is-sistema tikser tali drittijiet għal diversi raġunijiet fosthom illi:*

1. *Ma jkun hemm l-ebda sejħa pubblika u trasparenti għal min irid japplika biex isir Court Attorney;*

2. *M'hemm l-ebda trasparenza fil-proċess tal-għażla tal-istess Court Attorneys;*

3. *Ma jidher illi hemm l-ebda kriterji sabiex jintgħażlu l-istess Court Attorneys;*

4. *Ir-regolamenti applikabbli għal Court Attorneys huma inadegwati.*

*Illi inoltre jiġi rilevat illi dawn jiġu impjegati bħala 'persons of trust' u safejn jaf l-esponenti jista' jeżisti element ta' anonimita' stante illi l-ismijiet ta' tali persuni mhumiex pubbliċi u lanqas hemm ippublikat ma' liema ġudikant ikunu assenjati l-istess Court Attorneys.*

*Illi dan kollu jwassal sabiex l-esponenti anke f'każ ta' kunflitt ta' interess huwa ma jkunx jista' jkun jaf b'tali kunflitt u jirrilevahom. Illi dan ifisser għalhekk illi l-esponenti ma jkunx jista' jqajjem possibilita' ta' kunflitti ta' interess jew bażi ta' astensjonijiet u nuqqasijiet oħra u dan peress illi ma jistax ikun jaf bihom u jissolevahom.*

*Illi inoltre filwaqt li l-esponenti għandu dritt li jiġi ġudikat minn qorti indipendenti u imparzjali dawn il-Court Attorneys għandhom il-poter li jiktbu s-sentenzi b'mod li għaldaqstant l-esponenti ma jkunx ġie ġudikat minn qorti independenti u imparzjali. Illi jiġi rilevat illi l-irwol tal-Court Attorneys huwa fl-iktar stadju sensittiv u kruċjali fil-proċess kriminali u ċioe' fid-drafting tas-sentenza u l-għoti għalhekk tad-deċizjoni finali u aħħarija. Illi dan kollu għandu wkoll jiġi eżaminat fid-dawl u fil-kuntest tal-proċess ta' bidliet matul l-aħħar snin dwar il-metodu tal-ħatra tal-ġudikanti infushom.*

*Illi fil-kuntest ta' dan l-ilment dwar l-istat ta' fatt li jista' jinċidi fuq id-dritt għal smigħ xieraq ta' Qorti indipendenti u imparzjali ssir referenza għall-ġurisprudenza segwenti:*

*Illi fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Sandro Chetcuti vs Avukat Ġenerali et*** *(12/07/2005) qalet hekk:*

> *"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok għall-rikuża - anzi jista` jkun hemm divjiet ta` astensjoni - iżda tista` tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta` l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta` l-aħħar għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-oħra tal-liġi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).*
>
> **…**
>
> *"Il-Qorti għalhekk trid teżamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jista` jkun hemm "bias" fil-ġudikant li jirrendi l-operat tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari." [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arċisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim` Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).*

*L-awturi Van Dijk Van Hoof u Van Rijn fil-ktieb "****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights****" (4th ed) isostnu wkoll:*

> *"The adjectives `independent` and `impartial` are the expression of two different concepts. The notion of `independence` refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the `impartiality must exist in relation to the parties to the suit*

*and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

*L-istess awturi ikomplu:*

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

*Il-Qorti Ewropea fis-sentenza "***Hauschildt vs Denmark***" (1989) fissret ir-rekwiżiti hekk:*

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).*

*47. As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.*

*There thus remains the application of the objective test.*

*48. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge`s personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26).*

*This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack*

> *judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."*

*Inoltre, kif fuq premess: "Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary." (Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium (1983).*

***Illi l-Qorti Ewropea fil-każ ta` Kyprianou v Cyprus kompliet tfisser dawn l-elementi:***

> *"2. An analysis of the Court`s case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge`s personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

***Il-Qorti Ewropea (GC) fil-każ Micallef v Malta kompliet tapprofondixxi t-testijiet ta` soġġettivita` u oġġettivita':***

> *"3. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, souġht to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*4. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge`s subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*5. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge`s conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*6. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos.45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no.71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant`s opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain,*

> *28 October 1998, §45, Reports 1998-VIII)." (Ara f`dan l-istes sens Hauschildt vs Denmark" (1989) ċitat supra).*

***Illi fil-kaz Lawrence Grech et v Avukat Ġenerali et- QK - 7 ta` Marzu 2017 ġie ritenut hekk:***

*Dwar l-eżistenza tal-apparenza tal-imparzjalita`, l-Qorti kompliet:*

*"13. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista` wkoll mingħajr wisq tiġbid jagħtu x`taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta` dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista` jkun dubju oġġettivament ġustifikat.*

*14. Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta` parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma` l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra għaliex il-ġudikant jista`, biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-oħra.*

*15. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ ta' llum hemmx raġunijiet oġġettivi li f`osservatur raġonevoli u imparzjali jistgħu joħolqu dehra ta` rabtiet bejn ġudikant u parti f`kawża hekk li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta` dak il-ġudikant".*

2. ***<u>Apprezzament żbaljat tal-aggravju rigward l-estrazzjoni tad-data li saret kollha bhala parti mill-police work u li twassal għal ksur ta' smigħ xieraq;</u>***

*Illi l-esponenti jirrileva illi l-Qorti tal-Appell għamlet apprezzament u konsiderazzjoni totalment żbaljata fir-rigward tal-punt imqajjem mid-difiża fir-rigward tal-estrapolazzjoni tad-data li saret mill-Pulizija stess u mhux minn espert indipendenti. Illi l-espert tekniku Martin Bajada, għamel l-analiżi tiegħu fuq l-extraction tad-data li l-**<u>Pulizija STESS</u>** għamlet mill-mobile phone tal-esponent u dan bħala police work.*

*<u>PS 422 Neil Godwin Caruana</u>, jgħid hekk:*

> *'Fis-sbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (17/08/2017), ġejt infurmat mill-Ispettur Ryan Caruana għan nom tal-AC Ramon Mercieca biex nassisti fil-każ imsemmi, bħala examiner stazzjonat fil-mobile device forensics unit. Gejt mgħoddi 7 eżebiti biex nagħmel l-extraction ta' data minn fuq dawn l-eżebiti. Għamilt il-kompitu tiegħi, u l-extraction kienu kollha possitivi. Dan il-każ kien Police work, għal daqstant għaddejt kemm l-eżebiti, kif ukoll ir-riżultat b'forma diġitali,*

> *fuq dvd lill-Ispettur Ryan Caruana, li għan nom tiegħu għaddieh lura lill-AC Ramon Mercieca.*
>
> *…*
>
> *Xhud: Jiena bħala kompitu tiegħi nagħmel l-extraction tad-data minn fuq id-devices, ma' nagħmilx l-analiżi ta' fuq id-devices, għal daqstant, jiena li nista' ngħidlek li d-data li kien hemm fuq is-7 eżebiti, nħarġet kollha u qiegħda fuq id-dvd.*
>
> *…*
>
> *Xhud: Posittiva kienet ir-riżultat, illi t-talba li saret biex nieħu d-data minn fuq id-devices kienet posittiva u setgħat issir. Kont infurmat x'qed ifittex l-Ispettur illi kien qed jagħmel l-investigazzjoni. Kont infurmat li kien qed ifittex xi oġġett partikolari ta' rapport ta' pulizija, ta' monitor screen. Filwaqt illi jiena kont qed nara li r-riżultat inħareġ, rajt ritratt simili, ovvjament ma' nistax nikkonferma jekk dan hux il-PIRS report li kien qed jalludi għalih l-AC u jekk hemmx iżjed fuq id-device.'*

*Illi bir-rispett kollu, la darba ma tqabbad l-ebda espert indipendenti sabiex jikkonstata illi l-extraction mill-mobile phone li saret mill-Pulizija stess, (MINGĦAJR L-EBDA KONTROLL), u qabel l-esponenti tressaq il-Qorti, vera saret minn fuq il-mobile appartenenti lill-esponenti,* ***<u>din il-prova mhux ta' min wieħed jistrieħ fuqha u għalhekk għandha tiġi skartata.</u>***

***<u>Infatti, kien l-espert Martin Bajada stess illi ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għal dan: 'ISSA JEKK XI ĦADD ESTRAPOLA XI DATA MINNU QABEL MA GĦADDA GĦAND IL-QORTI</u>*** *(kif filfatt ġara)* ***<u>WIEĦED IĦARES LEJN DIK ID-DATA U JARA KENITX ĠEJJA MINN ĠO DAN L-ISTESS MOBILE.</u>*** *Illi minkejja l-fatt illi, fi kliem l-istess espert stess, dan seta' sar faċilment permezz ta' software partikolari bl-isem ta' Exsive li mhux biss jgħidlek bl-liema apparat ittieħded ritratt, iżda anke joħroġ riżultanzi oħra fosthom anke fl-liema pożizzjoni ittieħed ritratt partikolari,* ***din il-prova qatt ma saret. Ergo*** *ma jistax jingħad b'ċertezza, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi l-extraction li eżebiet il-Pulzija, vera saret minn fuq il-mobile phone appartententi lill-esponenti.*

*Illi konsegwentement la huwa safe u lanqas satisfactory illi wieħed jistrieħ fuq din il-prova, sabiex tinstab ħtija u illi filwaqt li mhux kull apprezzament żbaljat ta' provi jwassal għal ksur fundamentali għal smigħ xieraq, fl-umli fehmha tal-esponenti, f'dan il-każ u f'dawn iċ-ċirkostanzi effettivament iwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq*

*hekk kif sanċiti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

3. ***Apprezzament żbaljat tal-aggravju rigward illi l-esponenti kien persuna awtorizzata sabiex taċċedi għas-sistema tal-PIRS u li twassal għal ksur ta' smigħ xieraq;***

*Illi l-esponenti jirrileva illi kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħhom, sabiex sabu ħtija fl-esponenti t-tnejn kkonkludew, illi għalkemm l-esponenti kellu dritt jaċċedi għas-sistema tal-PIRS, peress illi huwa kien persuna awtorizzata skond il-liġi, li kien ingħata password, huwa għamel użu ħażin minn l-aċċess li ingħata. Illi bid-dovut rispett, dan ir-ragunament huwa totalment żbaljat, u ma huwa bl-ebda mod sorrett mill-provi prodotti mil-prosekuzzjoni.*

*Fl-ewwel lok, min imkien ma jirriżulta illi l-appellanti għamel użu ħażin mis-sistema tal-Pulizija, u dan peress illi l-uniċi provi li rrnexxielhom iressqu l-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward huma biss:*

*a) ritratt tar-rapport li nstab fis-sent folders ta' WhatsApp fuq il-mobile phone tal-esponenti, u*

*b) prova illi l-esponenti aċċessa dan ir-rappport għal erbgħa (4) darbiet.*

*Dawn il-fatti weħidhom żgur illi ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni illi l-esponenti għamel użu ħażin mis-sistema tal-Pulizija. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni huma inkonklussivi u ma jwassluk imkien. Il-Qorti, ma setgħet qatt, fid-dawl ta' dak prodott quddiemha, tasal għal din il-konklużjoni, la darba ma nġabitx prova li dan* ***r-ritratt tal-PIRS ittieħed minn l-esponenti u intbgħat lil xi ħadd partikolari li b'xi mod dirett jew indirett kellu kuntatt ma' Daphne Caruana Galizia. Filfatt il-provi, anzi, juri mod ieħor - dan ir-ritratt tal-PIRS ma instabx fil-folder bl-isem Camera, allura prova illi kien l-esponenti li ħa r-ritratt lanqas biss hemm. Daqstant ieħor ma nġabitx prova illi dan ir-ritratt vera intbagħat u lil min intbagħat.*** *Huwa ċar għalhekk illi la darba la ġie pruvat illi kien l-esponenti li ħa r-ritratt, u li kien hu bagħtu biex spiċċa għand Daphne, ma jista jiġi konkluż xejn u għalhekk ma jistax jingħad illi ġie pruvat illi l-esponenti għamel użu ħażin mis-sistema tal-Pulizija.*

*Inoltre, minn qari akkurat tal-liġi u tal-ġurisprudenza, a kuntrarju ta' dak enunċjat mill-Qorti fis-sentenza tagħha, la darba persuna kellu dritt jaċċedi għas-sistema, allura ma jistax iseħħ reat, anke jekk is-sistema ġiet aċċessata għal użu personali. Konsegwentement, il-Qorti kienet totalment żbaljata wkoll meta kkonkludiet illi l-esponenti, għalkemm kellu dritt jaċċedi għas-*

*sistema tal-PIRS, peress illi huwa kien ingħata l-password u għalhekk ma jistax jingħad illi huwa għamel użu mhux awtorizzat tas-sistema. Illi jekk għal grazzja tal-argument pulizija jidħol f'rapport sempliċiment b'kurżita għax per eżempju l-fatt ikun qed jissemma' fil-*media *dan allura skont din l-interpretazzjoni jiġi skop illeġġittimu.*

*Di piu, il-prosekuzzjoni, ma rrnexxiliex ġġib il-prova illi l-esponenti ma aċċediex is-sistema tal-PIRS, in konnessjoni max-xogħol tiegħu, u għalhekk il-Qorti ma setgħet qatt di sua sponte tilħaq dik il-konklużjoni hi. Lanqas setgħet targumenta illi kien l-obbligu tad-difiża illi ġġib il-prova illi l-esponenti aċċeda għas-sistema għal finijiet tax-xogħol. Huwa prinċipju bażiku, illi minn jakkuża jrid jipprova. Quindi din il-prova kienet tinkombi fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq id-difiża. L-akkużat għandu d-dritt sagrosant tas-silenzju u allura ma għandu l-obbligu li jipprova xejn!*

***Illi l-esponent jirrileva illi mingħajr ebda raġuni valida l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tikkunsidra b'mod korrett dan l-aggravju tant importanti u fundamentali fil-konsiderazzjonijiet sabiex tinstab ħtija o meno fl-esponenti u dan il-fatt jikser id-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

4. ***L-ammissibilita' o meno tal-istqarrijiet rilaxxati mill-esponent***

*Illi l-esponenti jirrileva wkoll illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet apprezzament u konsiderazzjoni totalment żbaljata fir-rigward tal-ammissibilita' o meno tal-istqarrijiet illi huwa rrilaxxa fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat illi, peress illi fit-tielet stqarrija huwa kellu d-dritt illi jkollu l-avukat preżenti waqt tali stqarrija u għalhekk tali stqarrija kienet valida u peress ukoll illi f'din l-istqarrija huwa kkonferma li ma kellu xejn xi jżid mal-istqarrijiet preċedenti, allura anke l-istqarrijiet preċedenti huma validi.*

*Illi l-kwistjoni tal-istqarrijiet hija importanti smigħ stante illi ma hemm ebda prova in atti illi l-esponent ġibed screenshot bil-camera taċ-ċellulari tiegħu ta' dan ir-rapport,* ***għajr*** *għal dak li jistqarr l-esponent stess fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxjata lil pulizija, liema stqarrija iżda ttieħdet b'mod leżiv u għalhekk kellha tiġi ddikajrata bħala inammissibli u li mgħandhiex valur probatorju bħalma għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u mhux anzi tiġi kunsidrata bħala prova ammissibbli li saħansitra l-Qorti tal-Appell Kriminali tistrieħ fuqha bħalma fil-fatt għamlet. Illi dak li huma inammissibli u li mgħandux valur probatorju [u dan fuq skorta ta' ġurisprudenza anke riċenti fost l-oħrajn Clive Dimech vs. l-Avukat tal-Istat u Morgan Onoruah vs Avukat tal-Istat] ma jistax jiġi ddikjarat illi huwa validu jew ammissibbli u għalhekk*

*il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi tikkunsidra tali stqarrijiet bħala validi u ammissibli jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

5. ***L-aggravju rigward l-awtentiċita' tal-blog post ma ġiex ikkunsidrat mill-Qorti tal-Appell.***

*Illi l-esponenti jirrileva illi l-Qorti tal-Appell naqset milli tittratta aggravju importanti tal-appellant u dan dak li kien jittratta l-awtentiċita' tal-blog post meħud mill-blog ta' Daphne Caruana Galizia. Illi l-esponent jirrileva illi l-prosekuzzjoni naqset milli teżebixxi vera kopja tal-artikolu li għadu online u l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduċi prova tal-awtentiċita tal-blog ta' Daphne Caruana Galizia u dan peress illi hija naqset milli tressaq prova li tikkonferma illi dak il-blog huwa awtentiku. Dan qed jingħad peress illi għalkemm diversi xhieda tal-prosekuzzjoni, ippreżentaw vera kopja tal-artikolu, l-ebda xhud ma tressaq mill-Prosekuzzjoni sabiex jikkonferma l-awtentiċita tiegħu u kulma ġie eżebit screen shot tal-blog fi kliem l-Ispettur Justin Camilleri stess a Fol 8 tal-proċess:*

> *Xhud: Nixtieq hawnhekk nibda biex nippreżenta hardcopy ta' dan l-artikolu u softcopy tiegħu wkoll.*
>
> *Qorti: Ovvjament biex issir il-prova awtentikata ta' dak l-artikolu tafu l-proċedura li trid tiġi adottata.*
>
> *Xhud: Mela minn naħa tal-Internal Affairs Unit.*
>
> *Qorti: Jiġifieri inthom kemm għamiltu download screenshot qed nassumi.*
>
> *Xhud: Hekk hu.*
> *…*
>
> ***Qorti: Spettur qed ninduna mall-ewwel li hawnhekk hawn differenza bejn dan ir-ritratt li għalissa mhux prova ammissibli biex ngħid hekk, orrajt struttorja prova ammissibli għax kollox struttorja imma l-awtentikazzjoni għadha ma saritx kif imiss, hawnhekk hawn kelma nieqsa f'dan ir-rapport.***

***Illi l-esponent jirrileva illi mingħajr ebda raġuni valida, l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tikkunsidra dan l-aggravju tant importanti u fundamentali fil-konsiderazzjonijiet sabiex tinstab ħtija o meno fl-***

***esponenti u dan il-fatt jikser id-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

*Illi fir-rigward tal-lanjanzi kostituzzjonali enumerati 2, 3 u 4 kemm individwalment u kumulittivament iwasslu għal ksur fundamentali ta' smigħ xieraq hekk kif sanċit mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi dawn il-lanjanzi [2, 3 u 4] jaqgħu taħt dik li l-ġurisprudenza rriferiet għalihom bħala* ***mankanzi partikolari illi jwasslu jew se jwasslu għal nuqqas ta' smigħ xieraq fil-totalita' tal-proċeduri kriminali.***

*Illi ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "**St. Paul's Court Limited vs L-Onor. Prim Ministru et noe**" (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deċiża fis-16 ta' Settembru 1998) fejn ingħad li:*

> *"kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*
>
> *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an openended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (pg. 202). (Vide ukoll "Khallouf Fatiha vs Kummissarju Tal-Pulizija" - Prim 'Awla (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-28 ta' Dicembru 2001)."*

*Illi dwar l-istess artikolu ingħad fis-sentenza "Kostovski vs The Netherlands" (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-*

> *"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi, minkejja dan, jista' jingħad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistgħux jiġu definiti a priori u speċifikatament, stante li l-istess prinċipju hawn kawtelat huwa tassew wiesgħa tant li ngħad li:-*

> *"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

> *"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement." ("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal" (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D).*

*Illi l-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *(Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-*

> *"The Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, althougħ certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp. 428-429).*

***Illi fi kliem ieħor, għalkemm wieħed irid iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom, ċerti mankanzi, jew anke aspett partikolari wieħed, jistgħu jkunu tant determinanti għall-eżitu ta' kawża fil-każ konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wieħed partikolari ikunu/ikun biżżejjed biex qorti tasal għall-konkluzjoni li ma kienx hemm "smigħ xieraq". L-istess konsiderazzjonijiet magħmula japplikaw għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.***

*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet issir riferenza wkoll għas-sentenza "Peter Montebello vs l-Avukat Ġenerali et" (Q.K. (SC) (JAF) (GV) – 31 ta' Jannar 2011 fejn ingħad li f'eżami ta' dawk il-komponenti li jistgħu jwasslu għall-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq skond il-liġi, kull każ ivarja minn ieħor imma f'kull każ il-Qorti trid tassigura li l-proċeduri jkunu kondotti b'mod li l-kontendenti oġġettivament huma mistennija li jħossu li jkunu ingħataw x'jifhmu li l-kawża ser tiġi trattata u deċiza fuq dak li ġie dibattut, u l-mod kif dan isir ma għandux jimmina drittijiet kollha ta' xi waħda mill-partijiet li liġi stess tipprovdi.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

2. Rat illi fit-23 ta' Marzu 2021 l-**Avukat Ġenerali** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi in succinct ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn dak li ġara fil-kawża* ***Il-Pulizija (Spettur Justin Camilleri) vs. Roderick Sammut*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta` Settembru 2020 fejn ġie ikkundannat multa ta` 10,000 euro wara li l-istess Qorti ċaħdet l-appell tiegħu u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 29 t`April 2019.*

*Illi l-esponenti jirrespinġi l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti liema eċċezzjonijiet qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal-xulxin.*

1. *Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juża l-proċeduri straordinarji odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi hi u tirrevedi hi s-sentenzi li ingħataw fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qrati ta` ġurisdizzjoni penali biex b`hekk din l-Onorabbli Qorti tintuża bħala Qorti tat-tielet grad. Ħaġa li ma tistgħax issir. Ir-rikorrent għadda minn proċess kriminali bil-garanziji kollha li tirrikjedi l-liġi u għalhekk l-ilmenti tiegħu ifallu minn kull aspett.*

2. *Illi għalkemm r-rikorrenti evidentement mhux qed jaqbel mas-sentenzi li ingħataw mill-Qrati penali, dan il-fatt waħdu żġur li mhux suffiċjenti sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali li jsemmi r-rikorrenti fir-rikors promotur.*

3. *Dwar il-Court Attorneys jingħad li din is-sistema ġiet introdotta sabiex il-ġudikant ikun jista' jkollu persuna kwalifikata fil-liġi sabiex tassistieh fil-kitba tas-sentenzi biex b`hekk il-backlog li hemm fil-Qrati jonqos kemm jista' jkun. Huwa fatt magħruf li l-Court Attorneys jintgħażlu mill-ġudikant konċernat fil-Qrati Superjuri u huma ikkunsidrati bħala persons of trust. Huwa rikoxxut ukoll globalment li l-ġudikanti ġeneralment jagħmul użu minn dawn l-assistenti jew Court Attorneys kemm fil-Qrati lokali kif ukoll dawk internazzjonali. Pero` xorta jibqa' l-fatt li meta tinkiteb sentenza mill-Court Attorneys, l-aħħar kelma hija dejjem tal-ġudikant li ippresjeda l-kawża.*

4. *Indipendentement mill-Court Attorneys, il-Qrati penali ta` pajjiżna huma meqjusa bħala Qrati indipendenti u imparzjali u huma obbligati li*

*jisimgħu lill-partijiet, jevalwaw u japprezza ix-xhieda u l-provi miġjuba sabiex finalment jagħti ġudizzju. Kif fil-fatt għamlu kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi mertu ta` din il-kawża. Huwa ovvju li anke jekk sentenza tinkiteb minn Court Attorney hemm bżonn li din tiġi kkonfermata u endorsed mill-ġudikant. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika. Id-deċiżjoni finali hija dejjem tal-ġudikant.*

5. *Illi fil-proċeduri kriminali in diżamina fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma ġie trattat b`mod differenti mill-parti l-oħra u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Bil-fatt waħdu li l-Qorti tat sentenzi li kienu sfavorevoli għar-rikorrenti, dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-drittijiet fundamentali tiegħu. L-esponent m`għandux dubju li kieku r-rikorrent ma instabx ħati tal-akkużi, ma kienx ser jilmenta mix-xogħol tal-Court Attorneys.*

6. *Illi għal dak li jirrigwarda l-prinċipji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' ġudikant, l-esponenti jagħmlu referenza għall-awturi* ***Harris, O'Boyle & Warbrick***

> *"An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

7. *Illi l-esponent jirrileva li imkien ma jirriżulta li l-Imħallef Edwina Grima li ippresjediet il-Qorti tal-Appell Kriminali u li tat is-sentenza fil-konfront tar-rikorrenti, kienet oġġettivament jew soġġettivament "biased".*

   *Illi għalhekk m`hemm l-ebda leżjoni tal-jedd għal-smigħ xieraq.*

8. *<u>Illi l-kumplament tal-lanjanzi fil-verita` m`humiex lanjanzi iżda r-rikorrent qed jerġa' jressaq quddiem din il-Qorti l-istess aggravji li qajjem fl-istadju tal-appell liema aggravji ġew miċħuda kollha mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-30 ta` Settembru 2020.</u>*

9. *Illi l-esponent jirrileva minnufih li r-rikorrent bil-lanjanzi li jirrigwardaw l-aggravji b`din il-kawża qiegħed effettivament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, tax-xhieda u tal-argumenti li tressqu fil-proċess kriminali u terġa' tidħol fil-mertu tal-proċess kriminali u għalhekk tagħmilha ta` Qorti tat-Tielet jew*

*Raba` Istanza. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiggarantixxi l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistħarreġ mill-ġdid il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-***artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi żmien raġjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirriżulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-liġi skrupolożament. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrent qed jittenta jasal tramite l-proċedura odjerna fejn ma rnexxielux jasal quddiem il-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kriminali. Għalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proċeduri jintużaw b'dan il-mod jikkostitwixxi użu ħażin ta' dina l-proċedura straordinarja.*

10. *Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-Ġeneralita tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.*

11. *Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara Fenech vs Avukat Ġenerali deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).*

12. *Fl-aħħar mill-aħħar ix-xogħol ta` ġudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma' u jiddeċiedi liema xhieda għandu joqgħod fuqha u liema xhieda mhux ta` min joqgħod fuqha u l-Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta jipprovdi kriterji biex jgħinuh jagħmel dan. Iż-żewġ sentenzi in kwistjoni, kemm tal-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali, huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irraġjonevoli*

*jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiża tar-rikorrent dan ma sarx b`mod kappriċċjuż iżda għaliex qisu li kien hemm provi sal grad rikjest mil-liġi sabiex isibu ħtija fir-rikorrent.*

13. *Illi r-rikorrenti tramite l-avukati tiegħu kellu l-għodda kollha li tippermetti l-liġi sabiex jattakka kull prova u xhieda li ġiet prodotta fil-kawża u kellu kull opportunita` li jressaq provi tiegħu u jagħmel id-difiża tiegħu.*

    *Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

14. *Illi dwar il-lanjanza li tirrigwarda l-istqarrijiet irid jingħad li huwa ampjament ċar minn qari tas-sentenzi li l-istqarrijiet li irrilaxxa ir-rikorrenti kienu sekondarji ai fini tas-sejbien ta` ħtija. Il-prosekuzzjoni kellha numru ta` provi oħra relevanti u iktar importanti tant li l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fil-konfront tar-rikorrent nonostante iddikjarat li l-istqarrijiet ma kellhomx valur probatorju. Pero` jirriżulta li r-rikorrenti, li huwa surġent tal-pulizija u allura jaf sew is-sinjifikat li tiġi interrogat, irrilaxxa tliet stqarrijiet lill-uffiċjali investigaturi. Fit-tielet stqarrija huwa ingħata l-jedd li jkun assistiet minn avukat waqt l-interogazzjoni u f`waħda mid-domandi li sarulu kienet proprju jekk għandux x`iżid jew ibiddel fiż-żewġ stqarrijiet l-oħra. Ir-rikorrenti wieġeb li ma kellu xejn x`ibiddel u li effettivament ikkonferma il-kontenut tal-istess stqarrijiet. Jiġi b`hekk li kien ir-rikorrent istess li issana l-fatt li l-ewwel żewġ stqarrijiet ittieħdu mingħajr l-preżenza tal-avukat tiegħu. Għalhekk l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali hija korretta.*

15. *Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara inter alia* ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** *tat-22 ta' Frar 2013,* ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** *tat-8 ta' Ottubru 2012 u* ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** *tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

16. *Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li*

*tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi* ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998,* **Anthony Zarb et vs. *Ministru tal-Ġustizzja et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u* ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).*

17. *Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jargumenta illi n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju awtomatikament jissarraf fi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tal-istess rikorrenti. L-esponenti jissottometti li l-Qorti Ewropeja evolviet fil-każistika tagħha. Ix-xenarju ġurisprudenzjali dwar din il-materja inbiddel kompletament bil-kawżi* ***Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.***

18. *Illi lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent ġie mhedded, imsawwat, imqarraq jew kien persuna vulnerabbli meta ġie interrogat. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment kontra l-istqarrija meta kellu kull opportunita` li jagħmel hekk quddiem il-qrati kriminali. Dan juri li huwa ma ħassx li l-istqarrijiet kienu ta` preġudizzju għalih jew li ttieħdu b`abbuż. It-test deċiżiv f`dawn il-każijiet huwa jekk fil-mument tat-teħid tal-istqarrija, l-interrogat kienx f`qagħda ta` vulnerabbilita`, djugħfija, biża`, vjolenza jew pressjoni mhux xierqa. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tirriżulta f`dan il-każ.*

19. *Illi pero` l-iktar ħaġa importanti dwar din il-lanjanza hi li r-rikorrent waqt it-tielet stqarrija kien assistit minn avukat u dan għalhekk iġib fix-xejn l-ilment tiegħu u l-Qrati penali kienu korretti meta qiesu li dak li stqarr hu ammissibbli bħala prova.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-17 ta' Frar 2021 l-Qorti appuntat ir-Rikors Kostituzzjonali għas-smigħ għat-22 ta' Marzu 2021.

4. Rat illi fit-22 ta' Marzu 2021 is-seduta ma setgħet issir minħabba f'miżuri meħuda minħabba fil-pandemija Covid-19.

5. Rat illi fis-seduta miżmuma, permezz ta' video conference, fit-12 ta' April 2021, il-Qorti għarrfet lill-partijiet illi kienet ottjeniet u inseriet fl-atti proċesswali s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (fol 36) fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Roderick Sammut**' deċiża fid-29 ta' April 2019 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Appell (fol 24) Nru 141/2019 fl-istess ismijiet deċiża fit-30 ta' Settembru 2020.

6. Semgħet ix-xhieda tal-**PL Eunice Grech Fiorini**, bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Qrati, prodotta mir-rikorrenti fis-17 ta' Novembru 2021 kif ukoll id-dokument minnha eżebit, ossija abbozz ta' ftehim ta' servizz ta' Court Attorney (fol 87).

7. Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2021 mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Qrati, ossija '*due diligence form*'. (fol 92)

8. Rat illi fid-9 ta' Frar 2022, il-provi rikorrenti ġew dikjarati magħluqa.

9. Rat illi, fis-16 ta' Ġunju 2022, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tannetti l-atti tal-proċeduri kriminali illi wasslu għaż-żewġt sentenzi fuq imsemmija, liema talba ġiet milqugħa minn dina l-Qorti.

10. Rat illi, fis-26 ta' Ottubru 2022, ġie dikjarat illi l-atti ġew annessi mal-proċeduri odjerni.

11. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

12. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

13. Rat illi, wara li r-rikorrent ma ppreżentax sottomissjonijiet bil-miktub, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, il-Qorti ordnat lill-partijiet kollha sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom sas-seduta li jmiss.

14. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2023, ir-rikorrenti ippreżenta is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

15. Rat illi fl-14 ta' Diċembru 2023, l-intimat ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

16. Rat illi fl-14 ta' Diċembru 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

**Ikkunsidrat**

17. Jirriżulta illi r-rikorrent Roderick Sammut huwa Uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija, ossija Surġent PS 134, u li kontra tiegħu ttieħdu proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, eventwalment ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

18. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent, fis-sena 2017, kien stazzjonat ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi, meta jidher illi aċċeda ġewwa s-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija w ħa ritratt ta' rapport illi kien sar fil-konfront ta' Dr Adrian Delia, dak iż-żmien kandidat sabiex isir il-Kap tal-Partit Nazzjonalista.

19. Jirriżulta illi r-ritratt minnu meħud eventwalment spiċċa għand il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia li sussegwentement, fis-16 ta' Awissu 2017, tellgħet storja fuq is-sit elettroniku tagħha intitolat "*Nationalist Party Leader Contender Adrian Delia replies to questions about anonymous report to the Police*"

20. Jirriżulta illi sussegwentement, il-Pulizija mexxiet investigazzjoni interna sabiex tistabilixxi kif rapport intern tal-Pulizija ġie f'idejn il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u min għaddihulha.

21. Jirriżulta illi, eventwalment, l-investigazzjonijiet tal-Pulizija wasslu sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tar-rikorrent Roderick Sammut u ġie akkużat bis-segwenti:

*Talli bejn ix-xhur ta' Ġunju u Awwissu tas-sena 2017, minn ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi u f' dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni:*

*1. Uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter, u/jew uża, ikkopja data, u/jew dokumentazzjoni ta' appoġġ.*

*2. Għamel output ta' data, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-kompjuter li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun.*

*3. Ikkopja data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħażin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħażin fejn soltu jinżamm.*

*4. Ħa pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u/jew għamel użu minnhom.*

*5. Kixef data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm il-darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi liġi oħra.*

*6. U aktar fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, u ċioe' bħala Surġent tal-korp tal-Pulizija, sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, u kixef dan is-sigriet.*

*7. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippublika dokument jew fatt li kien ġie fdat lilu, jew li ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b' xi mod għin biex jiġi magħruf.*

22. Jirriżulta illi fid-29 ta' April 2019, wara s-smigħ ta' xhieda u sottomissjonijiet legali, ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat iħallas multa ta' €10,000 kif ukoll l-ispejjeż peritali ta' €1,091.50.

23. Jirriżulta illi, sussegwentement, ir-rikorrent appella minn tali deċiżjoni, u dan quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

24. Jirriżulta illi fit-30 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell intavolat mir-rikorrent u kkonfermat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti.

25. Jirriżulta illi, eventwalment, fil-15 ta' Settembru 2021, ir-rikorrent intavola l-proċeduri Kostituzzjonali odjerni li fihom ilmenta illi nkisru d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

26. Jirriżulta illi fir-rikors intavolat mir-rikorrent tramite l-erbgħa konsulenti legali tiegħu, r-rikorrent ressaq lanzjani kostituzzjonali dwar is-segwenti:

    a. Ir-Rwol tal-Court Attorney;
    b. Apprezzament żbaljat tal-aggravju rigward l-estrazzjoni tad-data li saret kollha bħala parti mill-police work u li twassal għal ksur ta' smigħ xieraq;
    c. Apprezzament żbaljat tal-aggravju rigward illi l-esponenti kien persuna awtorizzata sabiex taċċedi għas-sistema tal-PIRS u li twassal għal ksur ta' smigħ xieraq;
    d. L-ammissibilita' o meno tal-istqarrijiet rilaxxati mill-esponent;
    e. L-aggravju rigward l-awtentiċita' tal-blog post ma ġiex ikkunsidrat mill-Qorti tal-Appell.

27. Jirriżulta, madanakollu, illi l-ilment ewlieni u prinċipali tar-rikorrent, u li dwaru saru sottomissjonijiet dettaljati miż-żewġ partijiet, huwa dwar ir-rwol tal-Court Attorney u li f' tali sistema, fi kliem ir-rikorrent stess:

    1. Ma jkun hemm l-ebda sejħa pubblika u trasparenti għal min irid japplika biex isir Court Attorney;

    2. M'hemm l-ebda trasparenza fil-proċess tal-għażla tal-istess Court Attorneys;

    3. Ma jidher illi hemm l-ebda kriterji sabiex jintgħażlu l-istess Court Attorneys;

    4. Ir-regolamenti applikabbli għal Court Attorneys huma inadegwati;

    5. Ma teżisti ebda pubbliċita' ma' liema ġudikant huwa assenjat Court Attorney.

28. Jidher, di fatti, illi r-rikorrenti qiegħed jikkontendi illi l-fatt li Ġudikant ikun assenjat Court Attorney sabiex jassistieh fid-drafting tas-sentenza, dana qiegħed jilledi d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq peress illi, fost affarijiet oħra, ladarba r-rikorrent ma jafx min huwa l-Court Attorney assenjat mal-Qorti, il-Qorti ma tistax titqies bħala waħda indipendenti u imparzjali.

29. Jirriżulta illi, l-Avukat tal-Istat, filwaqt illi oġġezzjona għal tali ilmenti kif redatti, irrileva illi r-rikorrent kien qiegħed jutilizza l-proċeduri straordinarji Kostituzzjonali unikament il-Qrati jintużaw bħala Qorti tat-Tielet Grad u dana peress illi ma kienx qed jaqbel mad-deċiżjoni mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

30. L-Avukat tal-Istat saħaq ukoll illi s-sistema ta' Court Attorneys hija waħda adoperata f'smigħ ta' Qrati barra minn Malta filwaqt illi nsista illi l-aħħar kelma tal-Qorti hija dejjem dik tal-Ġudikant illi jkun qed jippresjedi l-każ.

**Ikkunsidrat**

31. Il-Qorti tibda billi tosserva illi jidher ċar, mill-assjem tar-rikors promotur, illi r-rikorrent ma huwiex sodisfatt bid-deċiżjoni finali meħuda kontra tiegħu, tant illi, mill-ħames aggravji kostituzzjonali imressqa minnu fir-rikors odjern, erbgħa minnhom jirrigwardaw direttament id-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

32. Il-Qorti, di fatti, tifhem illi ir-rikorrent, inkwantu Uffiċċjal tal-Pulizija, instab ħati talli, fost affarijiet oħra, kiser l-obbligi tiegħu bħala uffiċċjal pubbliku u għadda informazzjoni lill-terzi li ġew a konoxxenza tiegħu unikament minħabba l-kariga tiegħu.

33. Il-Qorti tifhem ukoll illi, in kwantu Uffiċċjal Pubbliku, s-sentenza mogħtija kontra tiegħu setgħet kellha impatt ukoll fuq il-funzjonijiet tiegħu fil-Korp tal-Pulizija, għalkemm din il-Qorti hija sprovvista minn kwalsiasi informazzjoni f'dana il-każ, peress illi r-rikorrent qatt ma ddepona quddiem quddiem dina l-Qorti.

34. Il-Qorti, madanakollu, ma tifhimx fuq liema bażi legali, r-rikorrent, w il-konsulenti legali tiegħu, qegħdin jippruvaw iwasslu lil dina l-Qorti sabiex taġixxi bħala Qorti tal-Appell tat-Terza Istanza bit-tama illi dina l-Qorti tgħaddi biex tħassar id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu, mhux darba, iżda darbtejn.

35. Jidher illi l-argument prinċipali tar-rikorrent huwa illi, la darba s-sentenza ġiet miktuba mill-Court Attorney, u la darba huwa ma jafx min hija jew huma l-Court Attorney, għalhekk huwa qiegħed jiġi prekluż milli jagħraf jekk hemmx xi tip ta' kunflitt ta' interess jew le, u għalhekk id-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq qiegħed jiġi prekluż ukoll.

36. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dina hija biss frott ta' l-imaġinazzjoni fertili, jekk mhux saħansitra skorretta, tar-rikorrent w l-erbgħa konsulenti legali tiegħu illi rrediġew ir-rikors promotur, naxxenti, presumibbilment, mix-xewqa tagħhom illi jġibu fix-xejn deċiżjoni illi ngħatat kontra r-rikorrent.

37. Għandu jingħad u dikjarat, l-ewwel u qabel kollox, bl-aktar mod emfatiku u dirett, illi s-sentenza finali hija dejjem tal-Ġudikant u ta' ħadd ieħor, w huwa l-Ġudikant illi jerfa' r-responsabbilta' finali tad-deċiżjoni minnu jew minnha meħuda, u dana wara illi jkun ħa konjizzjoni kemm tal-fatti kollha kif ukoll tas-sottomissjonijiet legali illi jsiru quddiemha mill-abbli difensuri illi jidhru quddiemu.

38. Il-fatt illi l-Ġudikant ikun assistit minn Court Attorney, ma għandha tagħmel assolutament ebda differenza għad-deċiżjoni finali tal-Ġudikant, u dana peress illi kwalsiasi sentenza redatta mill-Court Attorney hija hekk redatta BISS wara illi l-każ ikun ġie diskuss mal-Ġudikant u huwa BISS il-Ġudikant illi għandu l-aħħar kelma fuq dak illi jiġi deċiż – u ħadd ieħor!

39. Għalhekk, il-ħrafa illi ħareġ biha r-rikorrent, bl-assistenza tal-erbgħa konsulenti legali tiegħu, illi d-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq qiegħed jiġi leż għax il-Ġudikant ikun assistit minn Court Attorney, filwaqt illi ċertament hija ta' natura dispreġġjattiva għall-aħħar lejn il-Ġudikant w il-Ġudikatura per se, ma hija xejn aktar milli konġentura intiża unikament sabiex jipprova jimmina l-proċess tal-Ġustizzja illi kienet sabitu ħati talli abbuża mill-posizzjoni tiegħu ta' Surġent tal-Pulizija, liema deċiżjoni r-rikorrent jirrifjuta illi jirrispetta.

**40. Din il-Qorti, hawnhekk ma tistax ma tirrimarkax illi, filwaqt illi kull ċittadin, u għalhekk ir-rikorrent ukoll, għandu d-dritt illi jingħata smigħ xieraq minn Qorti independenti u imparjzali, daqstant ieħor huwa għandu d-DOVER illi jirrispetta deċiżjoni mogħtija minn Qorti, f'pajjiż demokratiku fejn il-Ġustizzja tirrenja.**

41. Il-fatt illi r-rikorrenti w l-erbgħa konsulenti legali tiegħu jittentaw jitfgħu dell ikrah fuq il-Ġudikant w l-imparzjalita' u independenza tagħha unikament sabiex jipprovaw

jibbenefikaw minna huma lkoll personalment, ma hija xejn aktar milli abbuż lampanti tas-sistema Ġudizzjarja ta' Malta, liema azzjoni ċertament ma tistax ħlief tiġi kkundannata bħala abbuż sfaċċat tal-Qrati w il-proċeduri Kostituzzjonali.

42. Mill-assjem tar-rikors promotur kif ukoll mis-sottomissjonijiet mressqa mill-konsulenti legali tar-rikorrenti, MINN IMKIEN ma jirriżulta illi lir-rikorrenti, b'xi mod, qatt ġie lilu leż id-dritt ta' smigħ xieraq minn Qorti imparzjali u independenti.

43. Jirriżulta, di fatti, illi l-bażi tal-argument tiegħu hija għax il-Qorti tal-Appell għamlet apprezzament ħażin tal-aggravji kollha tal-appell illi huwa u l-erbgħa konsulenti legali tiegħu, kienu għamlu.

44. Jirriżulta, madanakollu, illi mhux talli l-Qorti tal-Appell Kriminali ma għamlitx apprezzament ħażin tal-aggravji imressqa quddiemha mir-rikorrent, iżda talli hija għamlet eżami akkurat ta' kull wieħed tal-aggravju mressqa quddiemha, u tat indikazzjonijiet u raġunijiet ċari u raġjonanti l-għala ebda mill-aggravji ma kellhom jiġu minnha milqugħa.

45. Għalhekk, jidher ċar illi, mhux talli r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq minn Qorti independenti u imparzjali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda talli ingħata l-opportunita' illi jressaq l-ilmenti tiegħu kif kellu kull dritt illi jagħmel u ingħata deċiżjoni finali illi, issa, huwa għandu l-obbligu illi jirrispetta.

46. **Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, għal darba oħra, illi qed isiru varji kawżi Kostituzzjonali, partikolarment fejn jirrigwardaw kwistjonijiet ta' meritu kriminali, illi huma ċarament fiergħa u vessatorji, w li l-intenzjoni aħħarija tagħhom hija UNIKAMENT sabiex ixekklu w jtawwlu l-proċeduri w l-eżiti finali tal-Qrati, u dana ma jagħmlu ebda ġid lill-proċess Ġudizzjarju w il-fiduċja li tali proċess għandu jkollu maċ-ċittadini, għal liema dewmien, finalment, jistħoqq illi jirrispondu l-awturi ta' tali azzjonijiet bla bażi.**

47. Ikkunsidrat dan kollu, wara illi l-Qorti fliet fir-reqqa d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kif ukoll rat l-atti tal-proċeduri illi ġew quddiemha miġjuba, kif ukoll wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tqis illi mkien ma ġie ppruvat li b'xi mod, id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent, kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ġie lilu leż w ma tressqet ebda prova li b'xi mod tali dritt seta' ġie leż lir-rikorrent in vista tal-assistenza tal-Court Attorney illi setgħet ingħatat lill-Qorti tal-Appell Kriminali.

48. Għalhekk, ladarba il-lanjanzi kif redatti ma jirriżultawx ippruvati, it-talbiet magħmula ma jistħoqqilhomx illi jiġu milqugħa.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet attriċi.

**L-ispejjeż** kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur